MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 23 ta' Settembru 2020**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Lara Butters)**

**Vs**

**Kyeremeh Kofi Junior**
**(Numru tal-Pulizija 19WW-022)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Kyeremeh Kofi Junior** li ġie mressaq quddiemha akkużat talli fit-8 ta' Jannar, 2020 u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gżejjer;

1. Kellu f'idejh Passaport, maħruġ minn awtorià kompetenti, ċioè Passaport tal-Gambia, maħruġ f'isem Ibrahim Samba, jew li, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċieva passaport li ġie ttrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra, ċioè dak diġà msemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni abbinati mar-reati in diżamina;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, il-fedina penali tiegħu, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jiġi trattat b'piena ta' priġunerija effettiva stante li dawn ir-reati jaffettaw is-sigurtà tal-Istat.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, u l-artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Kyeremeh Kofi Junior** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sena (1) priġunerija.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur